

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/1892

tat-18 ta' Frar 2014

**dwar l-approvazzjoni tal-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, fisem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, tal-Protokoll mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni para-grafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-24 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja sabiex tikkonkludi Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll").
- (2) Dawk in-negozjati tlestew b'suċċess u l-Protokoll ġie approvat mill-Gvern tal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, permezz ta' skambju ta' ittri fil-25 ta' Ottubru 2013.
- (3) Il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, tal-Protokoll għandha tiġi approvata f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.
- (4) L-iffirmar u l-konklużjoni tal-Protokoll huma soġġetti għal proċedura separata fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea, fisem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea hija b'dan approvata.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tiegħu.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Frar 2014.

*Għall-Kunsill**Il-President*

I. STOURNARAS